Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 35/2017

**Salvu Fenech**
**bin-numru tal-karta tal-identità 0284462M**
**(appellat)**

**Vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd. (C30053)**
**(appellanti)**

21 ta' Ottubru, 2019.

1. **Din is-sentenza hi dwar appell ta' GlobalCapital Financial Management Ltd minn deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-14 ta' Ġunju 2017 u li permezz tagħha:**

   - **laqa' l-ilment ta' Salvu Fenech rigward *misselling* tal-prodott *Protected Asset TEP Fund 2*, liema investiment l-ilmentatur kien għamel fuq parir tas-soċjetà ntimata; u**

   - **ordna lill-provditur tas-servizz tħallas lill-ilmentatur is-somma ta' elf, disa' mija u sitta u ħamsin dollaru Amerikan (US$1,956), telf kapitali li seħħ fis-16 ta' Frar 2012, u tmint elef, tlett mija u ħames Liri Sterlini (GBP8,305), telf li seħħ fis-17 t'April 2012, (jew l-ekwivalenti tagħhom fl-Ewro) bl-imgħax bir-rata ta' 4% fis-sena mid-data ta' meta għamel l-investimenti sal-ġurnata li fiha l-ilmentatur biegħ il-prodott konċernat.**

2. Fil-qosor, il-proċeduri quddiem l-Arbitru żviluppaw hekk:

   2.1. Permezz ta' ilment li wasal fl-uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji **fil-11 t' Awissu 2016** l-appellat iddikjara li huwa ġuvni ta' 54 sena u jgħix ma' ommu ta' 85 sena. Jgħid li mar l-iskola biss sal-età obbligatorja u qatt

ma tgħallem jikteb u jaqra, la bil-Malti u lanqas bl-Ingliż. Bl-Ingliż ma jifhimx u ma jitkellimx. Jaħdem bħala *watchman* bil-lejl mal-Gvern u ġieli għamel xogħol każwali jaħsel karozzi jew ta' *maintenance.* Fis-sena 2000 ħa l-parir tal-Bank of Valletta u tal-HSBC sabiex jinvesti xi flus li kien ġemma f'*bonds* tal-Gvern ta' Malta jew *funds* bilanċjati iżda l-attitudni tiegħu kienet dejjem kawta u l-ebda minn dawn il-prodotti ma kien kumpless. Igħid li fis-7 ta' Settembru tal-2004 kien mar l-uffiċċju tal-*Global Capital* għaliex kien ra/semgħa r-reklami li kienet għamlet din ta' l-aħħar. F'dik l-okkażjoni kellmu ċertu Maurizio Jacono li talbu dokumentazzjoni dwar l-investimenti li kellu. Fit-13 ta' Settembru 2004 reġa' mar għand Maurizio Jacono bl-informazzjoni rikjesta u dan kien infurmah li ċertu nvestimenti li kellu ma kienux tajbin wisq u rranġalu huwa stess sabiex ibiegħhom u jinvesti r-rikavat tramite l-*GobalCapital*. F' dik l-okkażjoni, Maurizio Jacono tah ukoll l-*opening of account form, application forms, experienced declaration forms* etc u qallu fejn jiffirma. Kollox sar fi ftit minuti u huwa ffirma fejn mitlub għaliex ma jafx jaqra, ħaġa li kien ħa ħsieb li jgħid lil Maurizio Jacono. Il-prodotti lilu proposti kienu s-segwenti: (i) *Societe Generale ICGC 2010* fl-ammont ta' £6,000, prodott ta' ħames snin b' kapital garantit; (ii) *Traded Endowment Plan 2* fl-ammont ta' £25,863; u (iii) *TEP* ieħor fl-ammont ta' USD22,790. Jgħid li f' Novembru 2006, Maurizo Jacono reġa ċempillu u taħ parir jinvesti aktar flus fit-*TEP Fund*. Huwa kien segwa dan il-parir u investa £Stg10,098.31 oħra fit-*TEP 2.* L-ilmentatur jilmenta li dawn it-*TEP Funds* kienu *professional investor funds*, prodotti ta' riskju għoli li ma kinux tajbin għalih. Jgħid li huwa kien jirċievi *Investment Valuations* maħruġa mill-intimata li kien juri lil sħabu li qalulu li dawn kienu juru telf kapitali sostanzjali. Għalhekk, fl-2009 kien għamel ilment bil-fomm mal-intimata iżda l-ilment tiegħu ma ġiex milqugħ. Fl-2012 iddeċieda li jbiegħ it-*TEP* 2 li kellu. Dak iż-żmien, Maurizio Jacono ma kienx għadu impjegat tal-intimata u ġiet assenjata lilu *advisor* jisimha *Rodian Formosa* li tatu parir jinvesti r-rikavat fl-*Aberdeen Global Select Euro High Yield Bond Fund* (*UCITS* mhux kumplessi). L-ilmentatur ħa dan il-parir u nxtara dan l-investiment fis-26 ta' Marzu 2012 u fid-29 ta' Mejju 2012. L-istess inbiegħu fis-27 ta' Awissu 2014 iżda dwarhom ma hemm l-ebda ilment. Fil-frattemp, permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2014, *Finco Treasury Management Ltd* għan-nom tal-ilmentatur, talbet lill-intimata d-dokumentazzjoni sħiħa dwar il-każ tiegħu. Kopja tal-istess ittra intbagħtet ukoll lill-MFSA iżda ma setgħetx tinvestiga l-każ għaliex id-dokumentazzjoni meħtieġa qatt ma waslet għandha. Jgħid li kien għalhekk li huwa ddeċieda jipproċedi kontra l-appellanti billi ppreżenta protest ġudizzjarju fis-16 t' Ottubru 2015 u sussegwentement intavola l-proċeduri preżenti. Talab għalhekk lill-Arbitru:

1. Jiddikjara li l-ilment sottomess kontra s-soċjetà intimata hu każ fejn din ta' l-aħħar ma mxietx fl-aħjar interessi tiegħu, kif ukoll naqset mill-obbligi fiduċjarji tagħha inkluż l-obbligu naxxenti mill-artikoli 1124A u 1124B tal-Kodiċi Ċivili meta, tramite r-rappreżentant tagħha Maurizio Jacono, l-intimata tatu parir jinvesti fil-PATF TEP Fund No 2 fil-valur ta' £25,863.38 u USD22,790.75 fis-16 ta' Settembru 2004 u fil-valur ta' £10,098.31 fis-16 ta' Novembru 2006; u li l-intimata, permezz tal-impjegati tagħha, approfittat ruħha mill-vulnerabilità tiegħu bħala persuna analfabeta u ħaditlu firem fuq dokumenti li ma kienux veritjieri u kienu jmorru kontra l-interessi tiegħu;

2. Jiddikjara li l-istess komportament tal-intimata jikkostitwixxi *investment misselling* peress li l-investimenti rakkomandati fit-TEP 2 ma kienux konsistenti u kompatibbli maċ-ċirkostanzi personali u mal-attitudni ta' riskju tiegħu; ma kellux l-esperjenza u t-tagħrif meħtieġ biex jifhem u japprezza r-riskji involuti; u ma kienux '*low risk*' kif intqal lilu iżda investimenti kumplessi ta' riskju għoli;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimata tiġi ordnata tikkumpensah bit-telf kapitali flimkien mal-imgħax b'rata raġonevoli u ekwa mid-data tas-16 ta' Frar 2012 u s-17 t'April 2012 rispettivament sad-data tal-ħlas effettiv;

4. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimata tiġi ordnata tħallas imgħax raġonevoli u ekwa mid-dati rispettivi tal-investiment fuq il-valur tal-investimenti mis-16 ta' Settembru 2004 u s-16 ta' Novembru 2006 sad-dati tal-bejgħ tal-istess fis-16 ta' Frar 2012 u s-17 t' April 2012;

5. Issuġġerixxa rata ta' imgħax bir-rata ta' 4.35 *per annum* għaż-żewġ investimenti mixtrija fis-16 ta' Settembru 2004 u r-rata ta' 4.29 *per annum* għall-investiment mixtri fis-16 ta' Novembru 2006.

2.2. Il-provditur tas-servizz, filwaqt li elenkat il-fatti riżultanti lilha, wieġbet[1] permezz tas-segwenti eċċezzjonijiet li ngħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

2.2.1. <u>In linea preliminari</u>:

[1] Fol. 113.

- l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

- l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

- tenut kont il-varji allegazzjonijiet li l-kunsens tal-ilmentatur biex jinvesti fl-investimenti mertu tal-każ ittieħed b'qerq u ngann, l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222(1) et seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.2.2. <u>Fil-mertu</u> wieġbet illi:

- it-talbiet attriċi huma nfondati stante li mhux minnu li hija ma ħarsitx l-interessi tal-ilmentatur jew li kisret xi obbligi legali jew li b'mod ieħor hija responsabbli għal kwalunkwe telf li soffrew l-investimenti li daħal għalihom l-ilmentatur. Fil-mument li l-ilmentatur akkwista l-investimenti in kwistjoni, abbażi ta' l-informazzjoni li hija ngħatat mill-ilmentatur stess, dawn kellhom il-premessi kollha sabiex jinbiegħu lilu;

- mhux minnnu li hija eżerċitat *misselling* jew li llimitat ir-responsabbiltà tagħha b'mod illeċitu a skapitu tal-ilmentatur jew li abbużat mill-ilmentatur jew iddefrodat/approfittat ruħha minnu;

- apparti li trid issir prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentatur, ma jsegwix li hija responsabbli għal dak it-telf. Apparti dan, tenut kont l-andament tas-swieq finanzjarji fiż-żmien in kwistjoni, l-ilmentatur lanqas ma jista' jassumi li kieku nvesta flusu f'investiment ieħor il-kapital tiegħu kien se jibqa' sħiħ u/jew li kien ser jagħmel dħul fuq l-investiment tiegħu kif minnu pretiż;

- kalunkwé telf li seta' ġarrab l-ilmentatur huwa *casus* u riżultat tal-andament ħażin tas-swieq finanzjarji u tal-kriżi finanzjarja dinjija;

- hija ma tistax tinsab responsabbli għal telf li seħħ f' investiment li hija ma kinitx qegħda tiġġestixxi inkwantu aġixxiet biss bħala

intermedjarja fil-bejgħ tal-investiment bejn l-emettur tal-prodott u l-investitur;

- f'kull każ, l-investitur ma jistax jitlob kumpens għal prodotti li għażel jinvesti fihom xjentement u liberament u li sussegwent għażel hu stess li jbiegħ xjentement u liberament.

2.3. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2017 l-Arbitru ddeċieda kif ġej:

*'**L-Eccezzjoni dwar preskrizzjoni***

*Il-provditur jagħti tlett eċċezzjonijiet dwar preskrizzjoni ibbażati fuq Artikoli 2153, 2156(f) u 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*... l-Artiklu 2153 jittratta dwar danni akkwiljani.*

*...*

*It-talba hija bażikament dwar danni kuntrattwali kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel u għalhekk il-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-artiklu ma tistax tirnexxi.*

*Il-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 ...*

*... ma tapplikax għal dan il-każ għaliex mhix tintalab rexissjoni ta' kuntratt.*

*...*

*... l-Arbitru m'għandu l-ebda dubju li seħħet tranżazzjoni kummerċjali u kuntrattwali bejn il-partijiet u għandu japplika l-Art.2156 (f) tal-Kap. 16.*

*L-Arbitru hu tal-fehma li ma jistax ikun li tiġi ikkunsidrata d-data preskrittiva mid-data ta' minn meta ingħata s-servizz, għaliex il-każ in eżami huwa wieħed li jittratta dwar bejgħ ta' prodotti finanzjarji, u wieħed ikun jaf jekk is-servizz li ngħata kienx tajjeb jew le, wara l-andament tal-prodott. Dawn kienu prodotti maħsuba għal investituri ta' esperjenza u ta' għarfien sew tal-prodotti finanzjarji.*

*Mhux loġiku li xi ħadd li jixtri prodott finanzjarju llum, speċjalment meta jkun prodott finanzjarju kumplikat, imur jikkawtela d-drittijiet tiegħu b'xi att ġudizzjarju dakinhar, jew l-għada li jingħata s-servizz, għaliex l-aspettattivi tal-klijent ikunu li għamel investiment tajjeb u li mhux ser ikollu l-problemi dwaru.*

*...*

*Il-provditur tas-servizz ma rnexxielux jipprova l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni kif tenut li jagħmel.*

*Fis-16 ta' Ottubru 2015, l-ilmentatur għamel protest ġudizzjarju, u minn meta l-ilmentatur irrejalizza t-telf: mis-sena 2012, ma laħqux għaddew il-ħames snin kif provdut fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. L-ilment sar fil-11 t'Awwissu 2016, u għalhekk, entro l-ħames snin mid-data tal-protest ġudizzjarju.*

*Għal dawn ir-raġunijiet l-Arbitru qed jiċħad l-eċċezzjonijiet dwar preskrizzjoni.*

*…*

***Fil-Mertu***

*Mill-assjem tal-provi, kemm orali kif ukoll mid-dokumenti esebiti, l-Arbitru hu tal-fehma li l-Ilmentatur ma ġiex ittrattat b'mod ekwu, ġust u raġjonevoli meta inbiegħlu prodott: li ma kienx idoneju għalih u għalhekk seħħ misselling. Ġie ttrattat b'mod inġust u abbużiv meta ġie mġiegħel jiffirma dokumenti li lanqas biss seta' jifhem x'fihom u li fihom infushom huma kontradittorji.*

*Għalhekk kiser ukoll l-obbligi fiduċjarji versu l-klijent kif ukoll ma mexiex mal-aqwa prattika tajba (best practice) mistennija minnu f'dan is-settur.*

*Barra minnhekk, ma kienx diliġenti fis-servizz li kien qed joffri għaliex, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, ma tax prova li kien għamel due diligence tal-prodott li kien qed ibiegħ u ma għamilx assessment tajjeb tal-Ilmentatur. Dan in-nuqqas jammonta ghall-ksur tal-obbligi kuntrattwali lejn l-ilmentatur.*

*Il-provditur tas-servizz ma ħax kont tal-aspettattivi raġonevoli u leġittimi tal-konsumatur li qatt ma kellu investiment simili għall-prodott odjern. Barra minn hekk, m'aġixxiex fl-aħjar interess tal-klijent meta inkariga persuna biex toffri servizzi ta' pariri meta lanqas biss kienet awtorizzata biex tagħmel dan mill-MFSA.*

*Dawn in-nuqqasijiet kollha wasslu biex il-provditur tas-servizz biegħ prodott ta' investiment li ma kienx addattat għaċ-ċirkostanzi tiegħu u dan wassal għal investment misselling u telf ta' flus lill-ilmentatur.*

*Għal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-provditur tas-servizzi finanzjarji u jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-deċiżjoni u jordna lil GlobalCapital Financial Management Ltd. tħallas kumpens lill-ilmentatur fis-somma ta' elf, disa' mija u sitta u ħamsin dollaru Amerikan (US$1,956), telf kapitali li seħħ fis-16 ta' Frar 2012, u tmint elef, tlett mija u ħames Liri Sterlini (GBP8,305), telf li seħħ fis-17 t'April 2012, (jew l-ekwivalenti tagħhom fl-Ewro skont il-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555).*

*F'każ ta' misselling, bħalma huwa dan il-każ, l-Arbitru jrid iġib lill-ilmentatur kemm jista' jkun fil-pożizzjoni tiegħu fid-data li għamel l-investimenti in kwistjoni. F'dan ir-rigward, qatt ma tista' tinstab formula preċiża u, għalhekk, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-ilmentatur, ikun ekwu u ġust li jiġi akkordat lilu imgħax ta' erbgħa fil-mija fis-sena u għandha tgħodd fuq l-ammonti mogħtija f'din id-deċiżjoni bejn id-data ta' meta għamel l-investimenti u l-ġurnata li fiha l-ilmentatur biegħ il-prodott konċernat.*

*L-ispejjeż ta' dan il-każ għandhom ikunu a kariku tal-provditur tas-servizz.'*

3. Minn din id-deċiżjoni appellat il-provditur tas-servizz. L-aggravji tagħha huma li:

   i. L-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji applika ħażin il-liġi tal-preskrizzjoni u qies b'mod ugwalment żbaljat meta t-termini għandhom jibdew jiddekorru b'dan li l-azzjoni odjerna kellha tiġi dikjarata preskritta u t-tlabiet tal-ilmentatur miċħuda;

   ii. L-Arbitru naqas milli jqis adegwatament u jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu dwar l-eċċezzjoni numru 7 tagħha, u ċioé l-effett tal-kriżi finanzjarja

dinjija li faqqgħet ftit snin wara li l-investiment ġie akkwistat u li dan effettivament jikkostitwixxi *casus;*

iii. Irrispettivament minn kwalunkwe ksur regolatorju li seta' ġie ravviżat, l-Arbitru naqas milli jindaga x'kien in-ness kawżali għat-telf lamentat mill-ilmentatur appellat u jekk tali telf effettivament seħħx minħabba tort imputabbli lilha;

iv. Anke kieku kellu jirriżulta xi ksur regolatorju, ir-rimedju mogħti mill-Arbitru ma kellux jinkorpora ħlas favur l-ilmentatur appellat konsistenti f' dak effettivament mitluf minnu;

v. L-Arbitru naqas milli jikkunsidra l-import tad-deċiżjoni tal-ilmentatur appellat li jbiegħ l-investimenti tiegħu meta għażel hu u naqas milli jnaqqas l-*commissions* imħallsin fil-mument tal-bejgħ, li kieku kienu jitħallsu anké kieku għażel li jbiegħ f' mument ta' profitt, mertu tad-9 eċċezzjoni;

vi. L-Arbitru huwa fattwalment u legalment żbaljat bil-mod kif iddispona t-8 eċċezzjoni;

vii. Fil-mertu, il-konklużjoni tal-Arbitru fil-mertu hija bbażata fuq apprezzament ħażin tal-fatti u l-provi miġjuba quddiemu;

viii. Illi huwa ċar li d-deliberazzjonijiet tal-Arbitru inkludew apprezzament ta' dokumenti li l-esponenti kienet talbet l-isfilz tagħhom mill-istadju bikri tal-każ, fir-risposta tagħha, u saħansitra oralment waqt is-smiegħ tal-proċeduri, u liema talba la ġiet permessa li tiġi verbalizzata u li ġiet daqstant oralment miċħuda, u mingħajr l-ebda eżitu bil-miktub, liema kunsiderazzjonijiet kienu ta' preġudizzju għas-smiegħ u d-deċide tal-każ; u

ix. L-imgħax ma kellux jibda jiddekorri minn meta ngħata s-servizz, kif deċiż.

4. Flimkien mal-appell tagħha, l-appellanti ppreżentat is-segwenti dokumenti:

4.1. **Dok A** – Estratt mis-sit elettroniku tal-PATF li juri l-valur tal-investimenti TEP Fund No. 2, fil-muniti tal-Euro, Dollaru Amerikan u Liri Sterlini f'Ġunju 2017;

4.2. **Dok B** – Kopja tar-rikors fejn intalbet il-preżentata tas-sentenza *Mary Ciscaldi et vs GlobalCapital Financial Management Ltd (Cit. 402/14 MH).*

5. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi kkonfermata filwaqt li l-appell tas-soċjetà appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Permezz ta' nota datata 1 t'Awissu 2017 ippreżenta ukoll is-segwenti dokumenti:

5.1. **Dokument MFSA1** – *Circular letter regarding the sale of complex financial instruments by Investment Services Licence Holders* datata 11 ta' Frar 2009;

5.2. **Dokument MFSA2** – *Consumer Media Release* datata 13 ta' Novembru 2009;

5.3. **Dokument MFSA3** – *Circular addressed to the financial services industry regarding complex / non-complex instruments for the purposes of the Markets in Financial Instruments Directive ("MiFID")* datata 24 ta' Novembru 2009.

6. A tenur tad-digriet ta' din il-Qorti tal-10 t' April 2019, il-partijiet spjegaw b'mod konċiż l-aggravji u t-tweġibiet rispettivi tagħhom permezz ta' nota.

**Konsiderazzjonijiet:**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji applika ħażin il-liġi tal-preskrizzjoni u qies b'mod ugwalment żbaljat meta t-termini għandhom jibdew jiddekorru b'dan li l-azzjoni odjerna kellha tiġi dikjarata preskritta u t-tlabiet tal-ilmentatur miċħuda.

8. Is-sunt tal-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru fir-rigward tal-eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni diġà ġie espost aktar 'l fuq. A skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għall-paragrafu 2.3 ta' din is-sentenza.

9. L-appellanti tinsisti iżda li l-applikazzjoni tal-preskrizzjonijiet varji tinbet mir-relazzjoni bejn il-partijiet u dak li ta lok għall-ilment. Issostni li anké jekk, *dato ma non concesso*, teżisti relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, dan ma jeskludix responsabilità akwiljana jew li ma jistax ikun hemm vizzju tal-kunsens ta' min

ikun daħal għall-investiment. Tgħid li l-ilment jiċċentra dwar servizzi li ngħataw lill-ilmentatur fis-16 ta' Settembru 2004 u 16 ta' Novembru 2006. Għalhekk, salv għal fejn jiġi dibattut l-artikolu 1222(1), it-terminu ta' preskrizzjoni jiddekorri mid-data meta ngħata s-servizz lmentat, ċioé s-snin 2004 u 2006. Tinsisti ukoll li tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 ladarba l-każ odjern huwa mibni fuq allegata negliġenza fl-għoti tas-servizz u ksur regolatorju. Dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1222(1) tal-Kap. 16, l-appellanti tisħaq ukoll li l-istess hija applikabbli għaliex effettivament it-talba tal-ilmentatur appellat hija waħda ta' rexxiżjoni tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Tirreferi f' dan il-kuntest għad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Carmel Ciscaldi vs GlobalCapital Financial Management Limited*** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2017 fejn intlaqgħat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 kif ukoll tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16.

10. L-artikolu 19(3) tal-Kap. 555 jipprovdi illi:

> *'Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1),* ***l-Arbitru għandu****:*
>
> *...*
>
> *(e)* ***jittratta kull mistoqsija dwar preskrizzjoni skont il-liġi****:*
>
> *Iżda l-provditur ta' servizzi finanzjarji jista' jqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biss fl-ewwel sottomissjonijiet bil-miktub li huwa provdut dwarhom fl-artikolu 22(3)(ċ) sakemm majkunx awtorizzat mod ieħor mill-Arbitru li għandu jagħti r-raġunijiet għal dik l-awtorizzazzjoni:*
>
> *Iżda wkoll l-Arbitru ma jkunx intitolat li jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni minn jeddu:*
>
> *Iżda wkoll xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala li qed jagħti xi setgħa lill-Arbitru li jagħti deċiżjoni dwar talba li tkun waqgħet bi preskrizzjoni skont il-liġi meta l-parti investigata tqajjem eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.'*

11. Imiss issa jiġu mistħarrġa l-artikoli tal-liġi li fuqhom huwa bbażat l-dan l-aggravju. L-artikoli pertinenti tal-Kap. 16 huma s-segwenti:

> *'**1222. (1)** Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*
>
> ***(2)*** *Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.'*
>
> *'**2153**. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'* ***sentejn****.'*
>
> *'**2156**. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta'* ***ħames snin****:*

*...*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'*

*'**2137**. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'*

12. L-azzjoni saret quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji sabiex jistħarreġ imġieba allegatament mhix xierqa da parti tal-provditur tas-servizz finanzjarju. Huwa minnu li *inter alia* l-appellat jilmenta li l-appellanti approfittat mill-fatt li huwa analfabeta u b'hekk kisbet il-firma tiegħu fuq varji dokumenti li kienu jmorru kontra l-interessi tiegħu. Pero' dan irid jinqara fil-kuntest tal-ilment prinċipali tal-ilmentatur appellat, ossija, li nbiegħu lilu prodotti finanzjarji li ma kinux adattati għalih u li kienu ferm aktar riskjużi minn dak li ġie spjegat lilu mill-appellanti meta hu aċċetta li jinvesti fl-istess u jiffirma fejn mitlub mir-rappreżentanti tal-appellanti fuq varji dokumenti għal dan il-għan.

13. It-talba tal-appellat[2] mhix waħda purament għar-rexissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, iżda hija waħda għall-kumpens in vista ta' danni minħabba telf allegatament soffert minnu b'riżultat ta' *misselling*. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-preskrizzjoni li għaliha jirreferi l-artikolu 1222(1), ma tapplikax għall-każ.

14. In kwantu għall-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti tinsisti li relazzjoni kuntrattwali, anké jekk teżisti, ma teskludix responsabilità akwiljana. Issostni li l-każ odjern huwa mfassal fuq allegata negliġenza fl-għoti tas-servizz, *misselling* u ksur regolatorju. Għalhekk tinsisti li l-Arbitru kellu japplika l-perjodu presrittiv ta' sentejn stabbilit f'dan l-artikolu.

15. In linea ta' prinċipji ġenerali ssir referenza għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ fl-ismijiet ***Pace Mario Vs Corinthia Palace Hotel Company Limited Et*** fit-13 ta' Ġunju 2013:

*'Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għaddanni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-**art.2154(1)** tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-**artikolu 2153** tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat*

[2] Fol. 11.

*imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-**Artikolu 2153**, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 726**).*

*Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per eż. "**Calafato vs Muscat**", deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawża "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, ġie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' ħames snin jekk id-danni huma riżultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in eżami hija jekk il-kolpa fil-każ preżenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kważi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri**" deċiża fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana <u>biss</u> meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali." (enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat Laurent li jghallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

*...*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif ġie deċiż fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**", deċiża fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita' tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel 'ex nunc'. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skont il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-każ fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et.**" (deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) ġie deċiż li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."*

*Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' għad-danni tirriżulta mir-rabta ġuridika jew nuqqas tagħha, u dana skont il-każ, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur* ***Andrea Torrente*** *jagħti eżempju ċar sabiex ikun jista' jagħraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li tagħti lok għar-responsabbilita' extra contrattuale. Din iċ-ċitazzjoni hija ċitata f'diversi sentenzi reċenti tal-Qrati tagħna u, għall-iktar ċarezza, qed tiġi hawnhekk abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."'*

16. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, **din il-Qorti tqis li l-ilment tal-appellat ma jistax jitqies indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali bejn il-partijiet u għaldaqstant mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16.**

17. Dwar dak deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ ***Carmel Ciscaldi vs GlobalCapital Financial Management Limited,*** li għalih għamlet referenza l-appellanti, jirriżulta li dak il-każ għadu *sub judice.* Pero' issir għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-każ ***Darmanin Kissaun Roland Vs Globalcapital Financial Management Limited,*** sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2019:

*'Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deċiż mill-ewwel Qorti li din il-kawża ma hijiex waħda aquiliana. Hu ċar li l-azzjoni attriċi hija bażata fuq kuntratt u ksur tal-istess daparti tas-soċjeta` konvenuta. L-attur avviċina lis-soċjeta` konvenuta biex jieħu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligħ għalih, u hekk kif is-soċjetà konvenuta aċċettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali tagħha, hija daħlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiduċjarji imposti fuqha u li jemerġu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta' obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54).* ***Dak li qed jiġi allegat li seħħ mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inħoloq bejn il-partijiet, u t-talba għad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm aġir delitjuż, iżda anke u aktar meta jiġi allegat aġir bi ksur ta' kuntratt.*** *'*[3]

[3] Enfażi ta' din il-Qorti.

18. F'dak il-każ ukoll l-ilment kien jinkludi l-parir li tat il-kumpannija konvenuta.

19. L-ilment tal-appellat *pro et noe* huwa bbażat fuq pretensjoni għal telf allegatament soffert minnu b'riżultat tal-fatt li ngħata parir sabiex jixtri prodott finanzjarju li ma kienx adattat għalih. Isegwi li l-pretensjoni tal-ilmentatur mhijiex waħda għal danni kkaġunati minn delitt jew kważi delitt, iżda min- nuqqas li twettaq id-dmir professjonali tagħha li tagħti l-aħjar parir finanzjarju lill-klijent, meħud in konsiderazzjoni diversi fatturi. Dak hu l-proċediment li ppropona l-appellat. Fiċ-ċirkostanzi l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax.

20. Jonqos għalhekk jiġi stabbilit jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif qegħda ssostni l-appellanti. L-appellat ma kkontestax li dik id-disposizzjoni tapplika għall-każ in eżami. Dak li huwa kontestat huwa ż-żmien minn meta jiddekorru l-ħames snin. Rilevanti hu l-artikolu 2137 tal-Kap. 16.

21. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi għal sentenza tal-Prim' Awla Ċivili (mhux appellata) ***Axisa Karen Vs Vella James Et*** tat-28 ta' Ġunju 2017:

> *'Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku, tant li huwa dottrinalment aċċettat li l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża barranija minnu, li huwa ma setax iwarrab;*
>
> *Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li actione non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...". U band'oħra jżidu jgħidu illi* ***"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale";[4]***
>
> *Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita;*
>
> *Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "Hu risaput illi ddies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd* ***minn meta ssir il-ħsara****,[5] u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma*

---

[4] Enfażi ta' din il-Qorti.
[5] Enfażi ta' din il-qorti.

*jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak innhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")";*

*Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal leċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Minbarra dan, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita;'*

22. Jirriżulta li l-appellat investa fil-prodott *PTAF TEP Fund No. 2* tramite l-appellanti darbtejn: (i) **fis-16 ta' Settembru 2004** meta nvesta £25,863.38[6] u US$22,790.75 Dollaru Amerikan;[7] u (ii) **fis-16 ta' Novembru 2006** meta nvesta 10,098.31 Liri Sterlini.[8] Huwa jgħid li fiż-żewġ laqgħat li ppreċedew l-akkwist ta' dawn l-investimenti kien għarraf lir-rappreżentant tal-appellanti biex ma jdaħħlux f'riskju u li Maurizio Jacono aċċertah li dawn l-investimenti kienu *low risk*. In kontro-eżami saħansitra jgħid li Maurizio Jacono kien qallu li l-kapital kien garantit.[9] Qal ukoll att ma ġie suggerit lilu xi investiment ieħor għajr dan.[10]

23. Fl-affidavit l-appellat jgħid li '*sadanittant'* huwa kien jirċievi xi *investment valuations* maħruġa mill-appellanti u kien jurihom lil sħabu fejn kien jaħdem u dawn qalulu li kien qiegħed jagħmel <u>telf kapitali sostanzjali</u>:

*'ħabib tiegħi qalli li tlift aktar minn nofs il-kapital'*[11]

24. Jgħid li għall-ewwel ħaseb li kienu jgħidulu hekk biex jinkuh iżda mbgħad ikkonferma li dan kien minnu.[12] <u>In kontro-eżami kkonferma li dan kien fl-2009</u>[13] u fil-fatt fl-affidavit qal li kien għamel ilment bil-fomm mal-appellanti fl-istess

---

[6] Fol. 55.
[7] Fol. 54.
[8] Fol. 56.
[9] Fol. 632.
[10] Fol. 192.
[11] Fol. 633.
[12] Fol. 192.
[13] Fol. 633.

sena.[14] Skont l-ittra a fol. 14 jirriżulta li dan l-ilment kien sar preċiżament fit-**12 ta' Marzu 2009**. Fit-**23 ta' Marzu 2009** l-appellanti weġbitu li skont id-dokumentazzjoni minnu ffirmata huwa kien ta l-kunsens tiegħu għal dawn l-investimenti u kien ġie spjegat lilu l-import u r-riskju tal-istess.[15] L-appellanti ikkonkludiet l-istess ittra billi nfurmatu li, '*it is opportune to meet and discuss this issue at our offices in Balzan.'*

25. Minkejja dan, <u>dak iż-żmien l-appellat ma ħax passi</u>. Kien fl-2012 li iddeċieda jbiegħ l-investimenti in kwistjoni. Skont is-*sales contract notes* relattivi in atti[16] jirriżulta li l-bejgħ sar fis-**16 ta' Frar 2012**. Kien f'dak iż-żmien li l-appellanti ingħata *advisor* ġdid, Rodian Formosa li tatu parir jinvesti r-rikavat mit-TEP f'prodott ieħor, l-*Aberdeen Global Select Euro High Yield Bond Fund* u huwa mexa fuq il-parir tagħha. L-investiment fl-*Aberdeen* inxtara fis-26 ta' Marzu 2012 u fid-29 ta' Mejju 2012.[17] Minkejja li ma ġarrab l-ebda telf kapitali mill-investimenti fl-*Aberdeen,* igħid li kompla jintela' rabja għall-appellanti u f'Awissu tal-2014 iddeċieda jaqta' għal kollox minn magħha u biegħ l-investimenti fl-*Aberdeen* ukoll. Sussegwentement, fittex direzzjoni mingħand *Finco Treasury Management Ltd* li ħadet ħsieb titlob id-dokumenti relattivi għall-każ tiegħu mingħand l-appellanti permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2014.

26. Sussegwentement fis-**16 ta' Ottubru tal-2015** ippreżenta protest ġudizzjarju kontra l-appellanti u ilmenta li '*kien biss fl-2012, meta ... ried ibiegħ l-investimenti tiegħu għaliex kellu bżonn il-flus, li* ***skopra li l-protestati kienu biegħulu investimenti kumplessi, b'riskju għoli, intiżi għal investituri professjonali u ta' esperjenza, u li għalhekk ma kienux 'suitable and appropriate' għaċ-ċirkostanzi tiegħu'****.*[18]

27. Din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm l-ilment tal-appellat dwar imġieba mhux xierqa tas-soċjetà appellanti jirreferi għall-pariri u spjegazzjonijiet mogħtija lilu fl-2004 u fl-2006, ossija meta nbiegħ lilu il-prodott finanzjarju in kwistjoni, mill-provi rriżulta li l-ħsara sofriha għallinqas żgur fl-2009. Tant hu hekk li kien f'Marzu ta' dik is-sena li lmenta għall-ewwel darba mal-appellanti.

28. Skont l-Arbitru, '*anke meta prodott jibda nieżel fil-valur jew jibda jitlef il-flus, il-klijent mhux tenut li jibda proċeduri legali mmedjatament għaliex il-valur jista' jerġa jitla' u jkun għamel proċeduri ntempestivi.'* Konsegwentement ikkonkluda li

---

[14] Fol. 192.
[15] Fol. 15.
[16] Fol. 57 – 58.
[17] Fol. 192.
[18] Fol. 59 -61.

l-appellat irrejalizza t-telf fl-2012 u li sa meta l-appellat ippreżenta l-protest ġudizzjarju fis-16 ta' Ottubru 2015, kien għadhom m'għaddewx il-ħames snin skont l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. L-ilment lill-Arbitru sar fil-11 ta' Awissu 2016, li kkonkluda li sar il-ħames snin mid-data tal-protest ġudizzjarju. **Pero' dak ir-raġunament iwassal għal sitwazzjoni fejn l-investitur jiddeċiedi minn meta għandu jiskatta l-perjodu ta' preskrizzjoni.** Dan mhuwiex dak li tipprovdi l-liġi. Tant hu hekk li l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi espressament li għall-finijiet ta' preskrizzjoni ta' azzjoni ma jittieħidx qies *".... ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss"*. Il-preskrizzjoni ta' azzjoni taħt il-Kodiċi Ċivili ma tibdiex tiddekorri minn meta l-persuna li lilha tmiss l-azzjoni, issir taf għall-ewwel darba dwar dak li qegħda tilmenta dwaru. Dan hu evidenti wkoll mill-ġurisprudenza relatata mal-imsemmija disposizzjoni.

29. Fl-2009 l-appellat kien diġà jaf dwar l-andament ħażin tal-prodott li xtara fl-2004 u 2006 u t-telf kapital sostanzjali tal-investiment f'dak l-istadju tant li ilmenta mal-appellanti. Minkejja t-tweġiba li rċieva mingħand l-appellanti, agħżel li ma jieħux passi u baqa' jistenna. B'daqshekk ma jfissirx li ż-żmien għall-finijiet ta' preskrizzjoni ma bediex igħaddi. Il-fatt li qal li kien biss fl-2014 li ngħata kopja tad-dokumenti li iffirma meta sar investiment, ma jbiddel xejn mir-raġunament tal-qorti. Hu veru li qal li kien b'dawk id-dokumenti li rriżultalu b'mod konkret x'kienu l-infrazzjonijiet regolatorji u leġislattivi attribwibbli lill-appellanti.[19] Peró ma kien hemm xejn x'iżommu milli jissalvagwardja l-interessi tiegħu qabel u jitlob dik l-informazzjoni f'Marzu tal-2009.

30. Inoltre', in kontro-eżami huwa stess qal li kien qal lill-appellanti sabiex ma tibgħatlux dokumenti:

> *'Jien anke meta mort l-ewwel darba għand is-Sur Iacono ma tlabtx karti ...*
>
> *... **kont għedtlu għalxejn jibgħatli l-karti għaliex la naf naqra u lanqas nikteb u għidtilhom biex ma jibgħatulix karti.** Nippreċiża li ġieli rċivejt xi karta, imma ma nifhimiex. Meta ġieli rċevejt xi karta, ġieli wrejtha lil sħabi u kienu jidħqu bija u kienu jgħiduli biex noqgħod attent għax jistgħu imorru l-baħar l-flus.*
>
> ***Kont irċevejt karta fl-2009, li l-investiment kien sejjer ħażin. Urejtha lil ħaddieħor u qalli li kont qed nitlef il-flus. Ħabib tiegħi qalli li tlift aktar min-nofs il-kapital.** Mort il-Global, qalli, "marru ħażin", u qalli, "int kont iffirmajt għal dawn l-affarijiet". Nispjega li ttradewni għax ġiegħluni niffirma kull dokument u anke għamilt firma kontra tiegħi stess li l-karti ma rridhomx.'*[20]

[19] Fol. 9.
[20] Fol. 632 – 633.

31. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx li l-preskrizzjoni applikabbli għandha tibda tiddekorri minn meta l-appellat għoġbu jbiegħ l-investimenti in kwistjoni fl-2012, kif iddeċieda l-Arbitru. L-ilment tal-appellat huwa *inter alia* marbut mal-allegazzjoni li huwa kien taħt l-impressjoni li l-prodott lilu kien sigur u b'kapital garantit. Isegwi għalhekk li l**-effetti prinċipali tal-imġieba lamentata kienu diġa avveraw ruħhom b'mod konkret sa minn Marzu 2009 meta huwa rċieva *valuation statement* li kien jindika telf sostanzjali fil-kapital, liema dokument huwa wera' lill-sħabu li qalulu li l-kapital kien niżel aktar min-nofs. Għalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni beda għaddej minn dak iż-żmien u mhux mis-sena 2012 li matulha l-appellat biegħ l-investiment.** Dan il-każ hu differenti minn oħrajn deċiżi llum ukoll fejn kien hemm data stabbilita meta jimmatura l-investiment.

32. Isegwi minn dan li l-azzjoni promossa mill-ilmentatur appellat quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji hija effettivament preskritta in kwantu minn Marzu tal-2009 sa meta sar il-protest ġudizzjarju fis-16 ta' Ottubru tal-2015 kienu diġa għaddew il-ħames snin *a tenur* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-appellat iressaq il-każ tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa l-ewwel aggravju, tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-ismijiet premessi tal-14 ta' Ġunju 2017, u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-appellanti u tiddikjara l-azzjoni tal-appellat bħala preskritta *a tenur* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ispejjeż kontrih.**

Anthony Ellul.